DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 162267** **15.10.2016**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

Dalgħodu, l-*iSpeaker* tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, ippresjeda ċ-Ċerimonja ta' Premjazzjoni tal-Kompetizzjoni u Wirja tal-Bizzilla ta' Malta 2016 li saret matul din il-ġimgħa fil-Parlament ta' Malta.

F'diskors li għamel f'din l-okkazzjoni, Anġlu Farrugia, tenna l-appoġġ tal-Parlament ta' Malta għal din l-inizjattiva bil-għan li jikber dejjem aktar l-għarfien tal-bizzilla ta' Malta u x-xogħol ta' artiġjanat Malti u Għawdxi. L-iSpeaker jara fix-xogħol tal-bizzilla ta' Malta u Għawdex il-valuri ta' bżulija, stima, rispett, kreattività u sbuħija, liema valuri jidwu fix-xogħlijiet vari, sbieħ u artistiċi tal-bizzilla ta' Malta u Għawdex. Matul iż-żmien, dawn kisbu l-għarfien li jixirqilhom kemm f'pajjiżna kif ukoll, f'pajjiżi oħra.

Huwa saħaq fuq l-importanza li din is-sengħa tal-bizzilla u snajja oħra ta' artiġjanat tradizzjonali ngħadduhom liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. B'hekk inkunu qed ngħaddu magħhom dak kollu, b'mod partikolari, il-valuri għonja, li jgħannu l-karattru tan-nazzjon Malti. Hu appella lill-awtoritajiet sabiex iżiedu l-appoġġ tagħhom lill-qasam tal-artiġjanat Malti u Għawdxi.

Wara d-diskors tal-okkażżjoni tqassmu l-premji fosthom lil-sebat itfal li esponew ix-xogħlijiet tagħhom.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**